**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 21/11VG**

**Crispin Delia**

**Vs**

**Josef Zammit**

**Illum 10 ta' Ottubru 2016**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Crispin Delia fil-21 ta' Jannar 2011 permezz ta' liema jitlob li Josef Zammit jigi kkundannat iroddlu lura, fi stat tajjeb, l-oggetti kollha lilu minnu mislufa, konsistenti f'power wash, fallakka, karru tal-hadid li jintrama wara mutur tal-hart, extension tad-dawl u chainblock, u fin-nuqqas li jirritornahom, kollha jew parti minnhom, jew fil-kaz li jekk jirritornahom ma jkunux fi stat tajjeb, jigi kkundannat ihallas il-valur taghhom, li jkun stabbilit minn periti nominandi, jekk ikun il-kaz, bl-ispejjez kontra Josef Zammit;

Rat li l-attur iddikjara li ghall-fini ta' kompetenza l-valur ta' l-oggetti in kwistjoni ma jeccedix l-elf Euro (€1,000);

Rat ir-Risposta tal-konvenut permezz ta' liema jeccepixxi illi: (i) preliminarjament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-gudizzju mhux integru peress illi Carmen Delia bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha, m'hijiex parti in kawza u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) preliminarjament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-gudizzju mhux integru peress illi Beverly Zammit bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha, ma hijiex parti in kawza u ghalhekk kull debitu li talvolta jirrizulta fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti huwa a karigu tal-konjugi Zammit u ghalhekk l-imsemmija Beverly Zammit ghandha tkun parti in kawza

u f'kaz li ma tigix kjamata in kawza, huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; (iii) l-oggetti imsemmija fir-Rikors promotur, ossia l-power wash, fallakka, karru tal-hadid u chainblock gew moghtija lilu f'diversi okkazzjonijiet bhall-Milied u eghluq sninu tul dawn l-ahhar disgha snin waqt l-gherusija u z-zwieg tieghu ma' bint l-attur Beverly Zammit, waqt li l-wire ta' l-extension ukoll kien moghti lilu f'dawn l-okkazzjonijiet; (iv) illi dawn l-oggetti huma oggetti ta' valur zghir u nghataw lilu bhala rigali, kif huwa stess diversi drabi ta rigali lill-attur bhal affarijiet ta' l-ghodda, cordless screw driver, oggetti ta' hwejjeg u ghodda ohra u dan f'okkazzjonijiet tal-Milied, birthdays, jum il-missier u jum l-omm; (v) illi dawk l-oggetti li gew mislufa lilu tul iz-zmien gew ritornati lill-attur fosthom jigger, romblu u mutur tal-hart;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tad-29 ta' Marzu 2011[1], tat-8 ta' Mejju 2012[2], ta' l-14 ta' Gunju 2012[3] u tal-11 ta' Ottubru 2012[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "DC1" sa' Dok. "DC8" a fol. 12 sa' 19 ta-process u Dok. "CDA" a fol. 44 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Marianne Zammit moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Novembru 2011[5] u x-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2012[6] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "JZ1" a fol. 36 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Frank Zammit moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2012[7] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "FZ1" u Dok. "FZ2" a fol. 51 u 52 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat iroddlu lura, fi stat tajjeb, l-oggetti kollha lilu minnu mislufa, konsistenti f'power wash, fallakka, karru tal-hadid li jintrama wara mutur tal-hart, extension tad-dawl u chainblock, u fin-nuqqas li jirritornahom, kollha jew parti minnhom, jew fil-kaz li jekk jirritornahom ma jkunux fi stat tajjeb, jigi kkundannat ihallas il-valur taghhom, li jkun stabbilit minn periti nominandi, jekk ikun il-kaz. Il-konvenut jilqa' ghat-talbiet attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) preliminarjament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-gudizzju mhux integru peress illi Carmen Delia bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha, m'hijiex parti in kawza u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) preliminarjament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici

[1] Fol. 20 sa' 23 tal-process.
[2] Fol. 41 u 42 tal-process.
[3] Fol. 45 sa' 49 tal-process.
[4] Fol. 58 sa' 62 tal-process.
[5] Fol. 33 u 34 tal-process.
[6] Fol. 37 u 38 tal-process.
[7] Fol. 53 sa' 57 tal-process.

huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-gudizzju mhux integru peress illi Beverly Zammit bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha, ma hijiex parti in kawza u ghalhekk kull debitu li talvolta jirrizulta fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti huwa a karigu tal-konjugi Zammit u ghalhekk l-imsemmija Beverly Zammit ghandha tkun parti in kawza u f'kaz li ma tigix kjamata in kawza, huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; (iii) l-oggetti imsemmija fir-Rikors promotur, ossia l-power wash, fallakka, karru tal-hadid u chainblock gew moghtija lilu f'diversi okkazzjonijiet bhall-Milied u eghluq sninu tul dawn l-ahhar disgha snin waqt l-gherusija u z-zwieg tieghu ma' bint l-attur Beverly Zammit, waqt li l-wire ta' l-extension ukoll kien moghti lilu f'dawn l-okkazzjonijiet; (iv) illi dawn l-oggetti huma oggetti ta' valur zghir u nghataw lilu bhala rigali, kif huwa stess diversi drabi ta rigali lill-attur bhal affarijiet ta' l-ghodda, cordless screw driver, oggetti ta' hwejjeg u ghodda ohra u dan f'okkazzjonijiet tal-Milied, birthdays, jum il-missier u jum l-omm; (v) illi dawk l-oggetti li gew mislufa lilu tul iz-zmien gew ritornati lill-attur fosthom jigger, romblu u mutur tal-hart.

Fil-fehma tal-Qorti qabel ma jigi trattat il-mertu ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu trattati z-zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenut dwar l-allegat nuqqas ta' integrità tal-gudizzju peress illi Carmen Delia, mart l-attur, u Beverly Zammit, dak iz-zmien martu, ma humiex parti fil-kawza.

Il-konvenut jikkontendi li *qua* kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti mal-konjugi rispettivi taghhom, l-attur fil-kaz ta' Carmen Delia u hu fil-kaz ta' Beverly Zammit, l-imsemmija Carmen Delia u Beverly Zammit kellhom ikunu parti fil-proceduri odjerni, attrici wahda u konvenuta l-ohra, u n-nuqqas taghhom bhala parti f'dawn il-proceduri jwassal ghan-nuqqas ta' integrità tal-gudizzju u l-konsegwenti liberazzjoni tieghu mill-osservanza tal-gudizzju. Huwa evidenti li l-konvenut qed jibbaza l-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu fuq il-provvedimenti ta' l-Artikolu 1322 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrità tal-gudizzju in bazi ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 1322 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa ormai pacifiku illi *l-precitat Artikolu 1322 jipprovdi ghas-sitwazzjoni dipendenti minn natura ta' l-amministrazzjoni ta' l-akkwisti. F'kaz li din tkun biss wahda ordinarja l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek jispetta lil kull wahda mill-mizzewgin (subinciz 1). Invece fejn l-amministrazzjoni tkun wahda straordinarja l-jedd appena imsemmi jmiss liz-zewg mizzewgin flimkien (subinciz 2). Is-subinciz (3) imbaghad jelenka dawk l-atti li huma expressis dikjarati bhala ta' indoli straordinarja. Huma biss dawk l-atti elenkati mis-subparagrafi (a) sa' (m) li ghandhom jitqiesu ta' natura straordinarja u ghalhekk ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva. Issa kif drabi ohra intqal, l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrità tal-gudizzju ibbazata fuq l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili kif emendat, tinvoka provvediment li hu ta' ordni pubbliku u l-Qorti hi prekluza milli tinjorah una volta n-nuqqas jigi sollevat u ppruvat anke fejn ikun hemm*

*rinunzja tal-parti. Dan ghaliex jekk hekk taghmel tkun tista' tkun li qed tippregudika l-jeddijiet ta' terzi, f'dan il-kaz tal-konjugi li ma tkunx giet konvenuta fil-kawza u li jkollha kull interess fl-amministrazzjoni tal-beni immobbli milquta bl-ipoteka – John Baptist Tabone et v. Lucy Micallef et, Appell, 4 ta' Dicembru 1998. Minn dan hu dezumibbli illi filwaqt li l-Qorti ghandha iva tokkupa ruhha mill-eccezzjoni, min-naha l-ohra ghandha tirrigwarda u tikkonsidra l-materja mill-punti di vista procedurali entro l-parametri restrittivi mill-Ligi stabbilit fis-subinciz (3) ghall-Artikolu 1322*[8].

Fil-kaz in ezami l-attur qed jitlob in via principali r-restituzzjoni ta' diversi oggetti, senjatament ta' power wash, fallakka, karru tal-hadid li jintrama wara mutur tal-hart, extension tad-dawl u chainblock, li skontu silef lill-konvenut fuq perijodu ta' zmien, u in via sussidjarja li jithallas il-valur ta' tali oggetti, *in toto* jew in parte skond il-kaz, liema valur fi kwalunkwe kaz ma jeccedix l-elf Euro (€1,000) fl-eventwalità li l-konvenut jonqos milli jirrestitwixxi l-imsemmija oggetti jew inkella ghad illi jirrestitwihom, ma jkunux fi stat tajjeb. Meta wiehed jikkonsidra l-indoli tat-talbiet attrici jirrizulta immedjatament evidenti li l-istess ma jinkwadrawx fl-Artikolu 1322(3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema subinciz kif inghad fis-sentenza appena citata **Elmo Insurance Limited noe v. Pace et**, *jelenka dawk l-atti li huma expressis dikjarati bhala ta' indoli straordinarja* **u** *huma biss dawk l-atti elenkati mis-subparagrafi (a) sa' (m) li ghandhom jitqiesu ta' natura straordinarja u ghalhekk ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva*. B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenut, il-fatt li mart l-attur u martu ma humiex parti fil-kawza *qua* attrici u konvenuta rispettivament, ma jwassalx ghan-nuqqas ta' integrità tal-gudizzju u konsegwentement ma hemmx lok huwa jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghal kull buon fini jigi osservat li ghad illi l-finalità tal-kawza taf tikkolpixxi beni tal-komunjoni bejn il-konvenut u martu (u dan qed jinghad bla pregudizzju ghall-fatt li mill-atti jirrizulta li l-konvenut u martu qeghdin jew ta' l-inqas kienu qeghdin fil-process ta' separazzjoni personali), peress illi in via sussidjarja l-attur qed jitlob il-hlas ta' l-oggetti minnu mislufa lill-konvenut, b'daqshekk ma jfissirx li mart il-konvenut ghandha tkun parti fil-proceduri odjerni in forza ta' xi dispost ta' l-Artikolu 1322(3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-raguni li, jigi ribadit, l-indoli *per se* ta' l-azzjoni attrici ma jaqa' taht l-ebda wiehed mill-paragrafi elenkati fl-imsemmi artikolu tal-Ligi.

Kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-imsemmija sentenza **Elmo Insurance Limited noe v. Pace et**, fejn il-konvenuti sostenew li n-nisa taghhom kellhom ikunu parti fil-kawza a tenur ta' *inter alia* l-Artikolu 1322(3)(b) [atti li joholqu jew jolqtu l-ipoteka ta' beni]: *issa hu veru li l-finalità tal-kawza kapaci jikkolpixxi anke l-fond fuq imsemmi* [fond proprjetà

[8] Elmo Insurance Limited noe v. Edwin Pace et, Citaz. Nru. 122/98 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2003. Din is-sentenza partikolari ma gietx appellata.

komuni tal-konvenuti f'dawk il-proceduri u n-nisa taghhom], *meqjus bhal beni tal-komunjoni. Eppure l-att, kif deskritt fic-citazzjoni, ma jistax jigi maghdud bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja li per konsegwenza jesigi ta' bilfors il-presenza tal-mara mizzewga u b'hekk jaghtiha locus standi in judicio. Minn imkien mis-subinciz (3) ta' l-Artikolu 1322 ta' l-att li ta lok ghad-danni* – fil-kaz in ezami l-allegat self ta' l-oggetti li ta lok ghall-azzjoni odjerna – *ma jista' jikkwalifika bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja. Huwa biss fil-limiti tad-disposizzjoni applikabbli li jrid jigi nkwadrat il-kaz biex jista' jigi accertat jekk il-presenza tan-nisa tal-konvenuti fl-azzjoni prezenti hijiex mehtiega jew le.*

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tqis li l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut ma humiex gustifikati u b'hekk ma jisthoqqx li jigu milqugha.

Ghat-talba ta' l-attur ghar-restituzzjoni tal-power wash, fallakka, karru tal-hadid li jintrama wara mutur tal-hart, extension tad-dawl u chainblock, skontu mislufa lill-konvenut, il-konvenut ressaq l-eccezzjoni li dawn l-oggetti inghataw lilu bhala rigal mill-attur tul il-perijodu ta' l-gherusija u z-zwieg tieghu ma' bint l-istess attur. In effetti bit-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tieghu il-konvenut jeccepixxi illi: (i) *l-oggetti imsemmija fic-citazzjoni ossia l-power wash, fallakka, karru tal-hadid u chain block gew moghtija lilu f'diversi okkazzjonijiet bhal Milied u eghluq is-snin ta' l-intimat tul dawn l-ahhar disgha snin waqt l-gherusija u z-zwieg ta' l-intimat ma' bintu Beverly Zammit, waqt li l-wire ta' l-extension ukoll kien moghti lilu f'dawn l-okkazzjonijiet*[9]; (ii) *illi dawn l-oggetti huma oggetti ta' valur zghir u inghataw bhala rigali mill-intimat, kif l-istess intimat ta diversi rigali lir-rikorrenti bhal affaraijiet ta' ghodda, cordless screw driver, oggetti ta' hwejjeg u ghodda ohra u dan f'okkazzjonijiet tal-Milied, birthdays, jum il-missier u jum l-omm*[10]. B'hekk il-konvenut essenzjalment jikkontendi li dawn l-oggetti inghataw lilu mill-attur b'donazzjoni.

Fir-rigward issir referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Albert Fiorentino v. Rebecca Attard, Appell Civili Nru. 351/02** deciza fid-19 ta' Mejju 2004, fejn giet trattata sitwazzjoni simili ghal dik odjerna u cioè fejn l-attur f'dawk il-proceduri talab ir-restituzzjoni ta' diversi oggetti skontu mislufa lill-konvenuta tul perijodu ta' hbiberija bejniethom, li però laqghet ghat-talba tieghu bl-eccezzjoni tad-donazzjoni: *kif manifest mill-aggravju u mill-linja difensjonali assunta mill-konvenuta appellanti din tikkampa t-tezi taghha fuq il-fatt tad-donazzjoni ta' l-oggetti moghtija lilha mill-attur, bl-eccezzjoni ta' mejda. Apparti l-kwestjoni ta' l-aspett oggettiv tal-materja, ossia ta' l-att materjali, li f'dan il-kaz certament jezisti gjaladarba l-oggetti jinsabu fil-pussess tal-konvenuta, id-donazzjoni tirrikjedi wkoll bhala element essenzjali taghha l-aspett soggettiv, ossija l-prova ta' l-animu tal-liberalità. Kif ritenut fis-sentenza fl-*

[9] It-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut.
[10] Ir-raba' eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

*ismijiet "Carmela Pace v. Rosaria Caruana et", Prim' Awla, Qorti Civili, 17 ta' Ottubru 1949 (Kollez Vol XXXIII pII p416) "ghall-effikacja guridika tad-donazzjoni huwa mehtieg: (1) li l-oggett mobbli moghti b'rigal ikun tenwi u proporzjonat ghall-kondizzjonijiet ekonomici tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta' l-oggett donat, u b'mod li dan jghaddi immedjatament u rrevokabilment f'idejn id-donatarju; u (3) li d-donanti jkollu effettivament il-volontà li jiddona u li jizvesti ruhu immedjatament u irrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona". Il-kwistjoni hawn involuta trid allura tigi ezaminata fl-ambitu ta' dawn l-elementi, in partikolari l-element intenzjonali specifiku ta' l-allegata donazzjoni. Qabel kull konsiderazzjoni tal-fatti processwali tajjeb li jigi sottolinejat illi "**min jallega d-donazzjoni ghandu l-obbligu li jipprovaha tant jekk tkun donazzjoni propria kemm jekk tkun donazzjoni rimuneratorja, ossija improprja, kemm jekk tkun donazzjoni mista. Fi kwalunkwe kaz sabiex ikun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja li sehhet id-donazzjoni jrid ikun hemm provi cari …**[11]" (Kollez Vol XXXII pII p472).*

Minn ezami tal-provi prodotti fid-dawl tal-principji guridici appena citati, din il-Qorti ma hijiex affattu konvinta – hlief ghal dak li jirrigwarda l-*power wash* – illi l-attur ta l-oggetti li taghhom issa qed jesigi r-restituzzjoni b'donazzjoni lill-konvenut.

Kif già iktar l fuq osservat l-attur qed jitlob ir-restituzzjoni ta' diversi oggetti ossia ta' power wash, fallakka, karru tal-hadid li jintrama wara mutur tal-hart, extension tad-dawl u chain block, izda l-konvenut, kif ukoll ommu u missieru, jsemmu biss bhala oggetti allegatament moghtija bhala rigali l-power wash u l-karru tal-hadid. In effetti l-istess konvenut in subizzjoni jghid li *fuq l-oggetti li qed nitkellmu fuqhom f'din il-kawza* ***kienu biss l-karru u l-power wash li kienu rigali lili mill-attur***[12]. Ghalkemm isemmi wkoll ic-chainblock fir-rigward huwa jghid: *fir-rigward tac-chain block nghid li jien dawn ma tajthomx lura lill-attur ghax ukoll inqishom rigal, ghar-raguni li dawn kien ilhom ghandi ghaxar snin u allura ma tippretendix li wara dan iz-zmien kollu bniedem se jitlobhomlok lura.* Evidentement ma hemmx prova ta' liberalità da parte ta' l-attur fir-rigward ta' l-ghoti tac-chainblock lill-konvenut izda biss assunzjoni da parte ta' l-istess konvenut li l-attur kien tah tali chainblock ghal dejjem bhala rigal ghar-raguni li kienet ilha ghandu ghal perijodu ta' zmien apprezzabbli tul liema l-attur ma talabhilux lura. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, fejn l-attur huwa missier il-mara tal-konvenut, l-element taz-zmien ma ghandux jitqies bhala indikazzjoni u wisq inqas prova ta' donazzjoni mill-attur lill-konvenut u dana billi kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-precitata sentenza **Fiorentino v. Attard**, *kif taraha din il-Qorti l-konsenja ta' l-oggetti kellha izjed mill-prestazzjoni ta' kortesija skond ir-regoli tal-konvivenza socjali milli ta' vera donazzjoni.*

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.
[12] Enfasi tal-Qorti. Xhieda in subizzjoni tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2012, fol. 37 tal-process.

Apparte minn dan jigi osservat li ghalkemm il-konvenut jafferma, in sostenn ta' l-allegazzjoni tieghu li l-attur kien tah ic-chainblock bhala rigal, li l-attur kien ghamillu *permanent fittings* fil-garage tieghu (ossia tal-konvenut) biex ikun jista' jqieghed tali chainblock, hu naqas milli jgib prova ulterjuri – imqar ritratt tal-garage li juri tali *permanent fittings* – in sostenn ta' dak minnu affermat.

In kwantu rigwarda l-karru tal-hadid li jintrama wara l-mutur tal-hart, il-Qorti difficilment tista' temmen lill-konvenut li dan inghata lilu bhala rigal mill-attur meta mix-xhieda tieghu stess jirrizulta li l-probabiltà hi li kien ghamel uzu minn dan il-karru meta kien qed jghin lil mart l-attur fl-ghelieqi fiz-zmien meta l-attur kien indispost. Il-konvenut jipprova jissosstanzja l-allegazzjoni tieghu li l-attur kien tah dan il-karru tal-hadid bhala rigrazzjament ghall-ghajnuna li ta lill-martu meta kien indispost billi jafferma li *fil-fatt l-attur ma kienx juzah dan il-karru ghar-raguni li ghandu karru iehor four wheel drive li jaqbad mal-mutur tal-hart u dan ghadu l-isteering u juza lilu*[13], izda f'dan il-kaz ukoll il-konvenut ma ressaq l-ebda prova sodisfacenti ta' dak minnu affermat, ossia li l-attur ghandu karru iehor oltre dak li issa qed jesigi r-restituzzjoni tieghu.

Ghalkemm omm il-konvenut iddikjarat li l-power wash u l-karru tal-hadid kienu rigali moghtija lil binha mill-attur, mix-xhieda li hija tat waqt is-seduta ta' l-10 ta' Novembru 2011[14] jirrizulta ferm evidenti li hija xehdet fuq fatti kif rakkontati lilha minn binha u mhux ghaliex tafhom hi personalment in kwantu ippartecipat b'mod dirett fil u waqt il-konsenja ta' l-oggetti in kwistjoni. Ghad illi l-konvenut ressaq lill-missieru Frank Zammit bhala xhud in sostenn ta' dak minnu allegat, ossia li l-oggetti issa reklamati mill-attur gew moghtija lilu bhala rigali tul is-snin, il-Qorti ma hijiex affattu sodisfatta mill-kredibilità tali xhud in kwantu mix-xhieda li huwa ta waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2012[15], u b'mod partikolari mid-dokument minnu esebit bhala Dok. "FZ1"[16], irrizulta bl-iktar car li huwa ma kienx qed jixhed fuq affarijiet li jafhom hu personalment u b'mod dirett izda xehed dak li qallu biex jixhed ibnu stess.

Jigi in fine osservat illi l-fatt li l-konvenut seta matul is-snin ta xi rigali lill-attur ma jwassalx ghall-konkluzzjoni awtomatika, kif qed jippretendi l-istess konvenut, li l-oggetti mertu ta' dawn il-proceduri – hlief ghall-power wash – gew moghtija lilu bhala rigali mill-attur.

In kwantu rigwarda l-power wash, il-Qorti hija tal-fehma li din effettivament inghatat mill-attur lill-konvenut bhala rigal meta l-istess attur xtara power wash gdida u ma kellux iktar bzonn il-wahda li kellu. Frankament ma huwiex affattu kredibbli l-attur meta jghid illi huwa jigi bzonn entrambe l-power

---

[13] Xhieda in subizzjoni tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2012, fol. 37 u 38 tal-process.
[14] Fol. 33 u 34 tal-process.
[15] Fol. 53 u 54 tal-process.
[16] Fol. 51 tal-process.

washes, kieku dan kien hekk zgur illi l-power wash li kellu ma kienx jaghtiha lill-konvenut hekk kif akkwista l-power wash il-gdida.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjoni tar-rigal sollevata mill-konvenut hija gustifikata biss fir-rigward tal-power wash ta' l-attur illum fil-pussess tieghu izda tirrizulta ghalkollox infondata u b'hekk mhux sostenibbli fir-rigward ta' l-oggetti l-ohra proprjetà ta' l-attur li jinsabu fil-pussess tieghu. B'hekk kuntrarjament ghal dak affermat mill-konvenut fil-hames eccezzjoni tieghu, mhux dak kollu misluf lilu mill-attur gie minnu effettivament ritornat lill-istess attur.

Waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2012 il-konvenut iddikjara li l-oggetti mertu ta' dawn il-proceduri ghadhom fil-pussess tieghu u ghaldaqstant kemm-il darba l-proceduri jkollhom ezitu favorevoli ghall-attur, l-istess jistghu jigu ritornati lilu[17]. Ghalkemm tali dikjarazzjoni tal-konvenut tista' twassal ghall-konkluzzjoni li fic-cirkostanzi ma hemmx il-htiega li jigi likwidat il-valur ta' l-oggetti li ghandhom jigu restitwiti mill-konvenut lill-attur, liema valur ikollu jithallas kemm-il darba l-konvenut jonqos milli jirrestitwixxi tali oggetti entro it-terminu lilu prefiss mill-Qorti, il-Qorti hija tal-fehma li tali valur ghandu jigi likwidat biex b'hekk tigi indirizzata kull eventwalità inkluza dik li l-konvenut jaghzel li jinjora l-ordni tal-Qorti ghar-restituzzjoni ta' l-oggetti u b'hekk ihalli lill-attur b'sentenza favorevoli ghalih izda fis-sustanza ta' ebda utilità.

Fir-Rikors promotur l-attur iddikjara li l-oggetti kollha meritu ta' dawn il-proceduri flimkien ma jeccedux il-valur ta' €1,000. Il-konvenut ma huwiex qed jikkontesta b'mod dirett il-*quatum* tal-valur ta' l-oggetti kif attribwit mill-attur, in fatti l-uniku accenn li jaghmel ghall-valur ta' l-oggetti huwa fil-kontro-ezami ta' l-attur waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2011[18], fejn l-istess attur gie mitlub jirrispondi ghas-suggeriment li kull wiehed mill-oggetti minnu pretizi ma jammontax ghal iktar minn €50, liema suggeriment però gie kontestat u michud mill-attur. Mix-xhieda ta' l-attur moghtija fil-kors ta' dawn il-proceduri johrog car li l-valur ta' €1,000 minnu attribwit lill-oggetti pretizi minghand il-konvenut ma jirriflettix il-valur ta' l-istess oggetti llum, ossia valur biex jigu rimpjazzati tali oggetti, ghaliex biss biss huwa xehed illi l-karru tal-hadid illum jigi jiswieh madwar Lm500, ekwivalenti ghal €1,164.69 u cioè iktar mill-valur minnu attribwit lill-oggetti kollha flimkien. B'hekk il-Qorti ma issib ebda raguni ghalfejn ma ghandhiex taccetta bhala korrett il-valur ta' €1,000 bhala l-valur ta' l-oggetti **kollha** pretizi mill-attur minghand il-konvenut. Siccome però fil-fehma tal-Qorti l-power wash effettivament inghatat mill-attur lill-konvenut b'donazzjoni, il-valur qual' volta stabbilit ghall-oggetti li effettivament ghandhom jigu ritornati mill-konvenut lill-attur ghandu jkun inqas minn €1,000. Fil-fehma tal-Qorti l-valur ta' l-oggetti li ghandhom jigu restitwiti mill-konvenut lill-attur huwa ta' €850 u tali ammont ghandu jithallas mill-konvenut lill-attur kemm-il darba l-istess konvenut ma

[17] Fol. 50 tal-process.
[18] Fol. 20 sa' 23 tal-process.

jirritornax l-oggetti in kwistjoni lill-attur entro t-terminu pretentorju li se jigi lilu iffissat fil-parti disposittiva ta' din is-sentenza.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tichad l-ewwel, it-tieni u l-hames eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut;
2. Tilqa' t-tielet u r-raba eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut limitatament ghall-power wash illum fil-pussess tieghu izda, tichadhom fir-rigward ta' l-oggetti l-ohra kollha pretizi mill-attur, ossia l-fallakka, l-karru tal-hadid li jintrama wara mutur tal-hart, extension tad-dawl u chainblock;
3. Tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-imsemmija oggetti, ossia l--fallakka, l-karru tal-hadid li jintrama wara mutur tal-hart, extension tad-dawl u chainblock; u
4. Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attur il-fallakka, karru tal-hadid li jintrama wara mutur tal-hart, extension tad-dawl u chainblock proprjetà ta' l-istess attur entro terminu perentorju ta' hmistax-il (15) gurnata mid-data ta' din is-sentenza;
5. Fin-nuqqas li l-konvenut jirrestitwixxi tali oggetti entro tali terminu perentorju hawn prefiss, tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' €850 rapprezentanti l-valur ta' l-imsemmija oggetti.

Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu a karigu esklussiv tal-konvenut.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**